MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 253/1999/1

**P & S International Limited**

**Vs**

**Medical Disposables Manufacturing Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta’ Lm266.97c (mitejn sitta u sittin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) oltre l-imghax legali u dan in konnessjoni ma’ xoghol ta’ stampar lill-konvenut maghmul u kkonsenjat skond invoice numru 371 datata 14 ta’ Marzu 1998. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 3 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi x-xoghol ta’ stampar ikkonsenjat mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta ma kienx tal-kwalita pattwita; u
2. Illi x-xoghol hekk ikkonsenjat kien difettuz tant li kien sar ftehim bejn il-partijiet li s-socjeta attrici kellha tigbor lura x-xoghol minghand is-socjeta esponenti.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 70 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-“general manager” tas-socjeta attrici, <u>Daniela Peresso</u> (fol 10 u fol 21 tal-istess atti) spjegat illi, kif jidher mill-“<u>purchase order</u>” (esebita a fol 15 ibid) iffirmata minn Christopher Agius f’isem s-socjeta konvenuta din kienet ordnat minn dik attrici “labels” fil-kwantita u “unit price” specifikati fl-istess dokument u aventi bhala prezz komplessiv, is-somma ta’ Lm266.97,0. Hi kompliet tispjega illi l-ordni kienet tirreferi ghal tlett “items” separati indikati bl-ittra “a”, “b” u “c” u qabel ma gie esegwit din l-ordni b’mod finali, kien sar <u>kampjun</u> ta’ “items” markati “a” u “b” biss. Meta giet esegwita, l-ordni “on rolls”, kien hawnhekk illi “… tajna item” wiehed minn kull “roll” lis-socjeta konvenuta “u dwar dan esebit id-dokument a fol 16 ibid li fuqu hemm, oltre l-“purchase order” gja msemmija, id-data meta gie kompletat ix-xoghol ordnat “<u>kif ukoll kampjuni ta’ kull item skond kif stampat</u>”. Difatti l-istess kampjuni kienu gew approvati mis-socjeta konvenuta bhala “tajbin” u ghalhekk seta jigi esegwit l-ordni. Konsegwentement saret il-konsenja tal-ordni kif jidher mid-delivery order a fol 17 aventi bhala prezz globali Lm277.94 inklus it-taxxa dovuta ammont ta ‘prezz pero’, li aktarx hu sbaljat. Eventwalment wara li jidher li fil-bidu, ma kien hemm ebda ilment, Christopher Calleja,

f'isem is-socjeta konvenuta kien informa lix-xhud illi ma kienx "kuntent" bix-xoghol fis-sens "… li ma kienetx ghogbitu l-kwalita". Ix-xhud ssottoineat illi l-"labels" in kwistjoni huma intizi li jitwahhlu fuq prodotti medici ghall-esportazzjoni, li s-socjeta attrici kienet stampat "labels" tal-istess tip ghal ditti ohrajn, li x-xoghol kif esegwit qatt ma kien gie ritornat jew depositat fir-registru tal-Qorti. In kontroesami ix-xhud regghet sostniet dak li di gja inqal in rigward il-konsenja ta' kompjuni u l-approvazzjoni ta' dawn mis-socjeta konvenuta oltre li Christopher Calleja ghas-socjeta konvenuta kien qal li x-xoghol kien sar "tajjeb". Fl-ahhar nett, hi qalet, ukoll, li "Ahna qatt ma accettajna li ……. niehdu lura ix-xoghol in kwistjoni gja konsenjat" (ara ukoll ix-xhieda ta' Chiara Peresso a fol 26 et seq ibid specjalment fol 27 ibid u d-dokument a fol 30 ibid).

Ikkunsidrat

Illi Christopher Calleja, gja imsemmi (fol 33 et seq ibid) spjega illi fis-7 ta' April 1998 hu kien approva l-ordni in esami. Pero' hu qal illi s-socjeta konvenuta "…. Ma inghatatx kopja originali taghhom (tal-prints) b'mod li l-kwalita tal-istampar ma setghatx bl-ebda mod tigi appruvata minn qabel". Filfatt wara li kienet saret il-konsenja tal-prodotti finali il-"quality representative" tas-socjeta konvenuta, Michael Farrugia "… hareg "non-conformance report" dwar l-ewwel zewg "items" (ara Dok CC7 a fol 43 ibid) kif hemm specifikat f'dan l-ahhar dokument u fix-xhieda tieghu. Minhabba dan, l-prodotti msemmija gew rifjutati (ara Dok CC8 a fol 44 ibid). L-istess gara' da parti ta' "….d-distribution centre" tas-socjeta taghna fil-Germanja". Wara li s-socjeta attrici giet informata b'dan, rappresentant ta' din is-socjeta kien informa lis-socjeta konvenuta illi l-prodotti in kwistjoni kienu ser jingabru lura "… pero' dan qatt ma sehh". L-istess xhud kompla biex jghid illi, cjononostante li kien gara dan, l-istess socjeta konvenuta kienet ghamlet ordinijiet ohra ghand is-socjeta attrici. Inoltre, in vista li l-kwistjoni kienet tirreferi ghall-ewwel "zewg items" kif ordnati, kien sar il-hlas in rigward it-tielet wiehed ordnat (ara Dok CC10 a fol 47 et seq ibid) liema hlas ammontanti ghal Lm10.24 kien sar b'"cheque" datat il-25 ta' Settembru

1998, qabel id-data tal-presentata tal-avviz in esami (ara ukoll l-“affidavits” ta’ Robert Agius u ta’ Michael Farrugia a fol 52 u fol 54 et seq ibid kif ukoll id-dokument esebit a fol 56 intestat “CE Conformity marking).

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel eccezzjoni, jidher li din hi bazata fuq l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili. L-istess artikolu jghid illi f’kaz li l-haga konsenjata ma tkunx tal-kwalita pattwita jew mhux skond il-kampjuni konsenjat, kif qed tallega is-socjeta konvenuta f’dan il-kaz, il-kompratur ghadu ghazla cjoe jew li jirrifjuta l-haga konsenjata u jitlob id-danni jew jaccettaha bi prezz anqas stabbilit minn esperti. F’dan il-kaz, is-socjeta konvenuta ma jidhirx li b’xi mod esercitat tali ghazla izda, semplicement issottomettiet l-eccezzjoni in esami, kif specifikata fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax takkolji din l-eccezzjoni u dan fuq basi legali peress li ma saret l-ebda talba da parti tal-istess socjeta konvenuta jew ghad-danni jew ghal tnaqqis mill-prezz. Dwar l-istess punt il-Qorti tara illi n-natura tal-kuntratt in esami hu wiehed ta’ bejgh u b’hekk japplikaw ghalih ir-regoli generali ta’ dan il-kuntratt inklus l-artikolu hawn fuq citat.

Illi, l-istess ghandu jinghad in rigward it-tieni eccezzjoni li tirreferi ghal xoghol allegatament difettuz. Difatti fil-fehma ta’ din il-Qorti, is-socjeta konvenuta kellha tipproponi azzjoni “ad hoc” a basi tal-artikoli 1427 tal-istess Kodici in konnessjoni ma difetti mohbija. Illi ghalhekk, l-eccezzjonijiet kollha sottomessi ghandhom jigu rigettati u michuda.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-ammont effettivament dovut l-istess Qorti ser takkolji “in parte” it-talba in esami u dan peress illi:-

a) Il-prezz globali, miftiehem, kien ta’ Lm224.25 u mhux kif imnizzel fl-avviz.

b) Ma giex kontestat illi kien sar pagament ammontanti ghal Lm10.24 vis-à-vis it-tielet “item ordnat” kif irrisulta mix-xhieda ta’ Christopher Calleja (ara “supra”).

Illi ghalhekk, l-ammont kollu dovut ghandu jkun ta’ Lm214.01,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa “in parte” it-talba in esami u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm214.01,0 bl-imghax legali mill-14 ta’ Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju msemmi fl-avviz u dawn jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta attrici, kwantu ghal tlett kwarti (3/4) minn dik konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------